MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2003

Numru 302/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**

**vs**

**MARIO JOSEPH BORG**

**Illum 23 ta' Settembru, 2003**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Mario Joseph Borg ta' 39 sena, bin Anthony u Elvira nee' Agius, imwieled tas-Sliema u joqghod Block C Flat 12 Lowndes Park Triq Gdida fi Trejqet il-Bajja San Giljan, detentur tal-Karta tal-Identita' Nru. 339663M gie akkuzat:

Talli fil-5 ta’ April, 2003 ghall-habta ta’ nofsinhar, fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professsjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Sylvie Kristin Masson skond ma ccertifika t-tabib Duncan Aquilina M.D. ta’ l-Isptar San Luqa, u dan bi ksur tal-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebiet bhala Dok. PMG2 a fol. 19 tal-process u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni.

**<u>Provi Migbura</u>**

Sylvie Kristin Masson fis-Seduta tal- 5 ta’ April, 2003, inter alia, xehdet illi hi kienet qeghda miexja fuq bankina u f’parti minn din il-bankina kien hemm tarag filwaqt li f’parti ohra kien hemm il-bankina catta u peress li kienet qed tugaghha saqajha hi ghazlet li timxi fuq il-parti c-catta. Qalet ukoll li kienet qeghda miexja u kien hemm karozza u hi minghaliha li kienet ta’ kulur abjad. F’hin minnhom hasset bhal daqqa u d-daqqa haditha fuq wara ghax hi kienet qeghda darha lejn il-karozza u tahseb li d-daqqa kienet mill-karozza u tghid li tilfet il-bilanc. Dak il-hin hi kienet miexja fuq il-parti catta tal-bankina. Meta hi daret kull ma kien hemm warajha kien hemm biss il-karozza u konsegwentement tahseb li kienet il-karozza li laqtitha. Meta daret deherla li kien hemm zewg persuni fil-karozza. Ix-xhud ziedet tghid li m’hijiex f’pozizzjoni li tidentifika l-ebda persuna prezenti f’din l-Awla bhala li setghet kienet il-persuna li kienet gewwa l-imsemmija karozza. Sylvie Masson qalet ukoll li tahseb li l-karozza li minghaliha hi ta’ kulur abjad kienet laqtitha bir-reverse. Ix-xhud ukoll qalet li meta daret rat il-parti ta’ wara tal-karozza. Qalet inter

alia ukoll, li meta waqghet, sieqha tal-lemin daret lagenba u illi r-rota tal-karozza telghet fuq sieqha. Ziedet tghid illi hi waqghet meta qalghet id-daqqa u tahseb li l-karozza bdiet miexja lura u telghet fuq saqajha. Masson qalet ukoll li hi ma tiftakarx jekk il-karozza fil-mument ta' l-impatt jew meta il-karozza telghet fuq sieqha, il-karozza kienitx startjata u lanqas tiftakar li rat xi *reverse lights* mixghulin. Ix-xhud ziedet tghid illi hi kienet qeghda fuq il-bankina pero' bid-daqqa tilfet il-bilanc u spiccat gewwa t-triq.

In kontro ezami l-istess xhud, inter alia, qalet illi hi kienet miexja fuq il-parti c-catta tal-bankina li qeghda bejn it-triq u l-parti fejn hemm it-tarag li qieghed fuq l-istess bankina. Ghaliha hi kienet miexja fuq il-bankina. Ziedet tghid illi hi kienet qeghda fuq il-bankina bid-direzzjoni taghha tiela 'l fuq fit-triq u cioe' il-bankina kienet f'livell li tiela 'l fuq. Masson qalet ukoll illi hi kif kienet qeghda fit-triq kienet qed tinnota li l-karozzi qeghdin nezlin minn din in-naha tat-triq li hija fl-gholja fis-sens li kienu nezlin l-isfel ghat-triq mentri hi kienet tiela f'din l-gholja. Ix-xhud qalet ukoll li hi l-karozza li jidhrilha ukoll li laqtitha, hi ratha niezla fit-triq. Konsegwentement hi kienet miexja fid-direzzjoni opposta tal-karozzi li kienu nezlin. Masson qalet ukoll illi hi din il-karozza ratha niezla pero' qeghda taht l-impressjoni li din il-karozza kienet waqfet biex jinzel xi hadd minnha. Ix-xhud ziedet tghid illi hi kienet diga' telghet 'il fuq u l-karozza kienet allura ghadditha meta hi, cioe' x-xhud, hi taht l-impressjoni li l-karozza waqfet. Masson ziedet tghid illi l-karozza kienet ghadditha bi ftit meta jidhrilha li waqfet u li d-daqqa hassitha wara li l-karozza kienet ghadditha.

Illi fis-Seduta tad-9 t'April, 2003, xehed ukoll PS 1417 Stephen Tarpey li, inter alia, qal illi fil-5 t'April ta' din is-sena u ghal habta tal-kwarta ta' wara nofsinhar, hu kien gie nfurmat mill-Control Room tal-Pulizija illi gewwa Triq San Pawl, Valletta, kienu tajru mara. Hu mar fuq il-post u minn stharrig li ghamel irrizultalu max-xufier tal-vettura numru CIC-197 tal-marka Golf kienet misjuqa minn certu Mario Joseph Borg li huwa l-imputat li l-istess xhud gharfu presenti fl-Awla, fejn dan kien qallu li kien nizel bil-vettura tieghu gewwa Triq San Pawl, Valletta. Huwa f'hin minnhom ra xi nies fuq in-naha tar-*right* tieghu telghin it-

tarag meta f'hin minnhom hass xi haga mar-rota, sema' xi ghajjat, huwa waqaf, ingrana il-*gear reverse*, nizel mill-karozza u ra mara mixhuta ma l-art fit-triq.  Ix-xhud zied jghid li mill-indagini li ghamel irrizultalu li l-mara li wegghet kienet Sylvie Masson ta' 45 sena ta' cittandinanza Franciza.  Hu kien kellem xhud li kienet fil-kumpanija taghha dak il-hin, fejn din qaltlu li waqt li kienu telghin it-tarag gewwa Triq San Pawl, il-Belt, u l-habiba taghha kienet mal-genb tat-triq, din sostniet li x-xufier tal-vettura CIC-197 irriversja lura, laqat lilha minn mal-genb u hija spiccat zelqet u giet ma l-art.  Ix-xhud qal ukoll illi l-vettura CIC-197 irrizulta li kienet karozza ta' kulur abjad.  L-istess xhud qal ukoll li xtaq jippreciza illi meta effettivament dina l-mara qalet kif skond hi sehh l-incident, kienet kellmitu, lilu ma kienitx semmitlu in-numru CIC-197 bhala vettura nvoluta fl-incident, fis-sens li ma semmitlux in-numru tar-registrazzjoni.

L-istess xhud eskluda li din ix-xhud lilu effettivament kienet semmitlu in-numru  CIC-197 bhala l-vettura li kienet fl-incident.  Qal ukoll li din ix-xhud, li kienet cittadina Franciza kellmitu tramite interpretu u ppreciza illi hu meta kellem lil din ix-xhud Franciza li rat l-incident, dina kellimha meta l-karozza kienet ghadha fit-triq u cioe' qed jirreferi ghal karozza CIC-197 u li ghamlitlu referenza ghal karozza li kienet prezenti u kienet il-karozza li kienet involuta fl-incident.

L-istess PS 1417 Stephen Tarpey qal ukoll illi fl-okkazjoni ta' l-incident, minn verifiki li ghamel hu rrizultalu li l-imputat kien akkumpanjat mill-mara tieghu fil-karozza u li l-imputat qallu li l-karozza kien qed isuqha hu.

Fil-kontro-ezami l-istess xhud qal illi  d-direzzjoni tal-karozza kienet li hi niezla l-isfel mentri n-nies, fosthom il-persuna li sfat imwegga', kienu telghin 'il fuq.  Ix-xhud qal ukoll li meta hu kellem lill-imputat, l-imputat kien specifikalu fejn kien hass xi haga mar-rota jekk kienitx ma' xi rota ta' quddiem jew ma' xi rota ta' wara, u jekk mhux sejjer zball li dan kien qallu li kienet ma' xi rota minn wara. Ix-xhud ippreciza li jidhirlu li lilu kien qallu li kienet mar-rota ta' wara tar-*right*.  L-istess xhud ikkonferma ghalhekk

li kienet mar-rota ta' wara l-aktar vicin fejn kienet miexja din il-persuna li wegghet. PS 1417 fl-istess kontro-ezami qal ukoll illi hu fejn sab il-karozza CIC-197 wieqfa kienet qeghda nofs metru 'l barra mill-bankina u ghalih kienet qeghda f'post regolari. L-istess xhud qal ukoll li minn l-indagini li ghamel, il-probabilta' ta' kif sehh l-incident kien illi dina l-persuna li wegghet kienet waqghet ghal gewwa t-triq u kienet intlaqtet mill-vettura li kienet ghaddejja mit-triq. L-istess xhud qal ukoll li mill-indagini li ghamel ma jidhirx li fil-kaz *de quo* il-karozza kienet laqtet lill-persuna fuq il-bankina jew b'xi mod il-karozza kienet telghet il-bankina.

PS 1417 spicca il-kontro-ezami tieghu billi qal li meta ra l-persuna li kienet korriet fuq il-post, innota li din kienet qeghda b'mod parrallel man-naha ta' barra tal-bankina, pjuttost aktar kienet qeghda fuq it-triq milli kienet qeghda fuq in-naha ta' barra tal-bankina.

Illi fis-Seduta tad-9 t'April, 2003, xehed ukoll PS 54 Raymond Caruana fejn dan, inter alia, qal illi kif dahal ghax-xoghol kellem lis-Surgent tat-turn ta' filghodu, s-Surgent Tarpey u dan kien qallu biex imur ikellem lill-persuna ta' nazzjonalita' Franciza li kienet korriet f'incident gewwa l-Belt Valletta. L-isem ta' din il-persuna li kienet korriet kien Sylvie Kristin Masson. Hu mar ikellem lil din Masson l-Isptar fil-presenza ta' certu Emvic Galea illi dan beda jinterpreta d-diskors mill-Franciz ghall-Ingliz u vici-versa. L-istess Surgent qal ukoll li talab il-verzjoni ta' din il-Franciza ta' kif sehh l-incident u tramite l-interpretu, li kienet qeghda fuq il-bankina u kienet ser tinzel it-triq, intlaqtet bil-genb ta' karozza, waqghet ma' l-art, il-karozza irriversjat u ghaddiet minn fuq sieqha.

Illi fis-Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003, il-Qorti qrat Affidavit guramentat ta' Dr Duncan Aquilina presentat fil-5 ta' Mejju, 2003 u li jinsab a fol. 33 u 34 tal-Process u fejn fl-istess Affidavit iddikjara illi fil-5 t'April, 2003:

"1. Illi fil-5 t'April, 2003, fl-12.40 p.m., jien ezaminajt lil Masson Sylvie fid-Dipartiment ta' l-Emergenza, fl-Isptar

San Luqa, karta ta' identita' numru 6149(F), residenti c/o Baystreet Hotel, Rm 702, Paceville.

2. Illi l-pazjenta kellha ksur ta' l-ghadma tas-suba' l-kbir ta' saqajha tal-lemin.

3. Illi n-natura ta' dawn il-griehi hija gravi (imma mhux periklu ta' mewt)."

Fl-istess Seduta xehed minn jeddu l-imputat Mario Joseph Borg li inter alia qal illi fil-5 t'April, 2003 ghal habta ta' nofshinhar hu kien niezel bil-karozza tieghu gewwa Strada San Paolo, karozza registration number CIC 197 pero' xtaq jippreciza li l-karozza hija registrata fuq martu. Mieghu kellu l-mara tieghu li kienet kwazi *eight months pregnant* u tifel ta' sentejn u tmin xhur. L-istess imputat zied jghid li hu meta jkun qieghed mal-mara tieghu u mat-tarbija isuq bil-mod. L-imputat qal ukoll li jaf li kien hemm xi nies telghin fuq it-tarag fuq in-naha tal-lemin tieghu fl-istess triq. F'mument hass xi haga taht ir-rota tan-naha ta' wara tieghu u cioe' fuq in-naha ta' wara tad-driver. Hu waqaf u bbrekkja, tella' l-*handbrake*. Ghamel saqajh fuq il-*clutch* u tefaghha fuq ir-*reverse* biex ikun jista' jzomm sigurta' fuq il-karozza u tefa' l-karozza. Fl-ebda hin ma rriversja lura.

Meta kkonstata li kien hemm madwar tlieta jew erba' min nies, innota li dawn in- nies kienu fuq il-bankina, ghalhekk iddecieda li jipprocedi bis-sewqan tieghu. Hu kien qed isuq preciz fin-nofs tat-triq. Meta waqaf bil-karozza wara li hass dak il-hoss hu hares lura mill-mera tieghu tal-lemin u nnota li kien hemm mara fl-art. Din il-mara kienet fl-art taht il-bankina. L-imputat qal ukoll li meta hu qal il-kelma 'smajt hoss', hu sema hoss wara li hass xi haga mar-rota ta' wara. Il-hoss kien ta' bikja. Nizel mill-karozza. Nizlet ukoll martu. Kif raw dik il-mara dak il-hin stess cemplu l-ambulanza. Ippruvaw ikellmuha u hi ma ccaqilqitx.

In kontro-ezami l-imputat qal illi kienu xeghlu d-dawl tar-*reverse* tal-karozza ghaliex hu l-karozza kien tefaghha *reverse* biex hu mbaghad immedjatament tfieha halli jkun jista' l-karozza jgibha iktar sigura, u bl-ebda mod pero' hu

ma saq lura bir-*reverse*. L-imputat zied jghid li din it-triq ta' Strada San Paolo fuq ix-xellug kien hemm diversi karozzi, allura hu kien qed izomm man-naha tal-lemin. Fl-ebda mument ma tela' fuq il-bankina. It-triq dakinhar ma kienitx ostakolata ghat-traffiku u seta jghaddi normali. L-imputat ippreciza li meta qal kien qed isuq fin-nofs tat-triq fis-sens li kien qed isuq fuq in-nofs tal-parti tat-triq li kienet *available* ghalih biex isuq pero' fl-ebda mument ma kien saq fuq il-bankina.

Fis-Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003, xehdet ukoll Marika Borg Bonello li qalet illi fid-data tal-5 t'April, 2003 ghall-habta ta' nofsinhar kienet passiggiera fil-karozza Reg. No. CIC 197 li hi registrata f'isimha u kienu ghaddejjin minn Triq San Pawl, il-Belt Valletta. Maghha kellha wkoll lit-tifel taghha ta' sentejn u nofs li kien qieghed fuq in-naha ta' wara tal-karozza. It-triq in kwistjoni dakinhar ma kienx fiha ingombri li wiehed seta jistakolah fis-sewqan. L-istess xhud ziedet tghid li zewgha kien qed isuq u kienu nezlin din it-triq. Fuq ix-xellug kien hemm karozzi pparkjati fuq in-naha tal-lemin tat-tarag. Innutat li fuq dan it-tarag in-naha tal-lemin tat-triq kienu telghin madwar tlieta jew erba' min nies. Dawn in-nies kienu kollha fuq il-bankina. Ix-xhud ziedet tghid li l-kundizzjoni taghha fi stat ta' gravidenza avvanzata ir-ragel taghha kien qed isuq bil-mod. Kienu nezlin. Ir-ragel taghha kien qed isuq bil-mod. Fl-ebda mument ma tela' fuq il-bankina. Hin minnhom hassew xi haga taht ir-rota ta' wara fuq in-naha tad-driver. Minnufih ir-ragel taghha waqaf. Ir-ragel taghha tella' l-*handbrake*, tefaghha fuq ir-*reverse* u tefa' l-karozza u hargu mill-karozza biex jaraw x'gara. Ix-xhud Marica Borg Bonello pprecizat li zewgha qabel ma tefa' l-karozza fuq ir-*reverse* tella l-*handbrake* l-ewwel u b'hekk bl-ebda mod il-karozza ma marret lura b'*reverse*. Innutaw li kien hemm mara wiccha l-isfel li kienet qeghda fit-triq taht il-bankina u kienet vicin ir-rota ta' wara tan-naha tad-*driver*. Imbaghad cemplu ghall-ambulanza.

## **<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Inkwantu ghar-referenza da parti ta' PS 1417 Stephen Tarpey fid-deposizzjoni tieghu moghtija fid-9 ta' April,

2003, ghal dak li qaltlu habiba ta’ Masson dwar l-incident, il-Qorti tosserva li tali persuna ma gietx prodotta bhala xhud quddiem il-Qorti.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti brani mehuda minn sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nostran li fil-fehma tal-Qorti huma rilevanti ghal dan il-kaz:

Fil-kawza Il-Pulizja vs George Muscat (Appell Kriminali per Onor. W. Harding, 6 ta’ Mejju, 1961, Vol.XLV.IV.947 et seq.) gie ritenut illi:

“Hu veru li anke l-“pedestrian” ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali, imma biex driver ta’ karozza tal-mutur li jinvesti “pedestrian” u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista’ jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komporatment mprudenti tal-“pedestrian” li gie milqut, u ma tistghax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tikkonkorri l-kolpa tal-awtista, li tkun impeditu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta’ vettura ma ghandhomx jipprezumu normalita’ perfetta ta’ komporatament tal-“pedestrians”, imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontigenzi stradali u jirregolaw il-velocita’ taghhom b’margini sufficjenti ta’ sikurezza. Hu veru li anke l-“pedestrian” ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali. Inghad tajjeb mill-Cassazione Civile Taljana f’sentenza taghha tal-20 ta’ Frar, 1957 (Ass. Americ. Cavalieri di Colombo vs Javicoli): “*Anche il pedone e’ tenuto a rispettare le norme del codice stradale, e nel caso di investimento il giudice deve esaminare il comportamento, per stabilire se esso non fu causa esclusiva, o per lo meno concorrente, del sinistro*……….”;
Qalet sewwa l-Cassazione Penale taljana f’sentenza taghha Pubb. Ministero vs Merlini (Archiv. Giur., 1957, p. 432) li l-konducenti ma ghandhomx jipprezumu “*una perfetta normalita di comporatamento da parte dei pedoni*”, imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb “*la contingente situazione stradale*”, u ghalhekk jirregolaw il-velocita’ “*con un adeguato margine di sicurezza*”.”

Fil-kawza Il-Pulizija vs Carmelo Demicoli (Appell Kriminali per Onor. W. Harding 3 ta' Ottubru, 1953 Vol. XXXVII.IV.1157) il-Qorti riteniet illi: "Ma hemmx dubju illi l-"pedestrian", jew "foot passenger", hu intitolat ghall-ezercizzju ta' "reasonable care" mill-parti ta' drivers, anki meta jinzel mill-bankina u jkun fil-"carriage way" (ara Charlesworth, The Law of Negligence, pp. 93-94, 1947 Edition).

Il-fatt, ghalhekk, li l-"pedestrian" ikun fil-"carriage way" ma jezonerax id-driver mill-htija li jolqtu, jekk dan id-driver ma jkunx ezercita "reasonable care";
Issa, dan jonqos milli jezercita "reasonable care" jekk, per ezempju, ikun isuq bi speed mhux ragjonevoli, jew ma jkunx qiehed izomm "a proper look-out", jew ma jdoqqx il-horn meta hu l-kaz li jdoqqu."

Issir ukoll referenza ghall-kawza Il-Pulizija vs Joseph Thornton (Appell Kriminali per Onor. W. Harding, 18 ta' Marzu, 1961, Vol. XLV.IV.920) fejn gie sostnut illi:
"Driver ta' vettura tal-mutur ghandu d-dover li jistenna li fi triqtu jistghu jinzertaw nies li, minhabba l-eta' taghhom, jew ghal xi raguni ohra, ma jkollhomx la dik ic-celerita' ta' percizzjoni, la dik il-prontezza ta' decizjoni, u lanqas dik l-isveltezza ta' movimenti, li jehtiegu c-cirkostanzi mprovvizi.
Il-"pedestrian" ghandu l-fakolta' li f'xi hin jaqsam it-triq, meta jkun hemm bzonn, u meta jkun il-waqt, u kwindi d-driver ghandu joqghod attent u jippravedi li jista' jigi konfrontat bil-fatt ta' "pedestrian" li jaqsam it-triq fil-karregjata li jkun fiha dak id-driver.
Jekk il-"pedestrian" ma jaghmel ebda att li bih iqieghed l-awtista fi stat ta' sinistru inevitabbli, bhal meta jaqsam f'daqqa u jissorprendi lil-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat u johloq emergenza subitanea, id-driver ma jistax jallega b'difiza tieghu, jekk jigi f'kollizjoni ma dak il-"pedestrian", il-fatt li dan kien fil-karreggjata".

## <u>KONKLUZJONI</u>

Il-Qorti hi tal-fehma li l-versjoni moghtija mill-imputat (Seduta tas-6 ta’ Mejju, 2003) ta’ kif sehh l-incident hi wahda kredibbli. Tali versjoni hi sostanzjalment kollaborata mid-deposizzjoni (Seduta tas-6 ta’ Mejju, 2003) ta’ Marika Borg Bonello, mart l-istess imputat li kienet passigiera fil-karozza misjuqa mill-imputat fl-okkazjoni tal-incident mertu ta’ din il-kawza. Il-griehi sofferti minn Sylvie Kristin Masson (ksur ta’ l-ghadma tas-suba’ l-kbir ta’ saqajha tal-lemin) mhux inkompattibbli mal-versjoni li taha l-imputat.

L-istess surgent tal-Pulizija (PS 1417) li mar fuq il-post tal-incident, fil-kontro-ezami tieghu (Seduta tad-9 ta’ April, 2003), inter alia, qal illi hu fejn sab il-karozza CIC-197 wieqfa kienet qeghda nofs metru ‘l barra mill-bankina u ghalih kienet qeghda f’post regolari. Inoltre qal li minn l-indagini li ghamel, il-probabilta’ ta’ kif sehh l-incident kien illi dina l-persuna li wegghet kienet waqghet ghal gewwa t-triq u kienet intlaqtet mill-vettura li kienet ghaddejja mit-triq. L-istess Surgent qal ukoll li mill-indagini li ghamel ma jidhirx li fil-kaz *de quo* il-karozza kienet laqtet lill-persuna fuq il-bankina jew b’xi mod il-karozza kienet telghet il-bankina.

Il-fatt, li kif konfermat mill-istess Sylvie Kristin Masson fis-Seduta tal-5 ta’ April, 2003 hi kienet miexja fuq il-parti c-catta tal-bankina li qeghda bejn it-triq u l-parti fejn hemm it-tarag li qieghed fuq l-istess bankina hu ukoll fattur li jimmilita favur il-versjoni tal-imputat. Ghandu jigi ukoll rilevat li l-istess Masson fl-imsemmija deposizzjoni qalet ukoll: “…..u peress li kienet qed tugghani saqajja jien ghazilt li nimxi fuq il-parti c-catta. (sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti ezaminat ukoll il-versjoni li, *a tempo vergine*, l-imputat taha lill-Pulizija (ara Dok ST2 – l-okkorrenza u d-deposizzjoni ta’ PS 1417 Stephen Tarpey moghtija fis-Seduta tad-9 ta’ April, 2003) u tikkonkludi li tali versjoni hi kompatibbli ma’ dik moghtija mill-istess imputat meta xehed quddiem din il-Qorti fis-6 ta’ Mejju, 2003.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li rigward dan l-incident ma tirravizax htija fil-konfront tal-imputat.

## DECIZZJONI

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat Mario Joseph Borg hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u minnha tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------